MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1395/2001/1

**Diner Dogs Limited**

**vs**

**Illusions Limited, u Matthew u Adrian ahwa Pace bhala garanti solidali tal-istess**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici Diner Dogs Limited ippremettiet:-

Illi permezz ta' kuntratt ta' sullokazzjoni datat 23 ta' Awwissu 2000 (Dok. PF1) is-socjeta' attrici tat b'sullokazzjoni lis-socjeta' konvenuta Illusions Limited, il-fond numru 2, Triq Santu Wistin, il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, b'sehh mill-1 ta' Ottubru 2000.

Illi s-sullokazzjoni giet fit-tmiemha fl-1 ta' Mejju 2001 wara li s-socjeta' konvenuta tat avviz skond it-termini tal-imsemmi kuntratt (Dok. PF2).

Illi s-socjeta' konvenuta ghadha debitrici tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' arretrati ta' kera, konsum ta' dawl u ilma, hlas ta' permessi u licenzji fuq il-fond fl-ammont komplessiv ta' elf, mitejn u disa' liri maltin u hamsin centezmu (Lm1209.50).

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti wkoll is-somma ta' tlett mija u sitt liri maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm306.97) dovut ghal stokk li baqa' fil-hanut (Dok. PF3).

Illi skond it-tieni parti tal-ftehim fuq imsemmi, s-socjeta' attrici bieghet lis-socjeta' konvenuta "catering equipment u machinery" li kien jinsab fil-fond versu l-prezz ta' hmistax-il elf lira maltin (Lm15000) liema ammont kellu jithallas permezz ta' pagamenti rateali.  Minn dan l-ammont ghad trid tithallas is-somma ta' sitt elef erba' mija u tnax-il lira maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm6412.81).

Illi s-socjeta' konvenuta hija moruza fil-hlas ta' aktar minn tlett skadenzi u ghalhekk tiskatta klawzola numru erbgha (4) tal-ftehim li permezz taghha hemm dekadenza mill-beneficcju tat-terminu u jibda jiddekorri l-imghax fuq il-bilanc.

Illi minhabba n-nuqqas tal-konvenuti li jhallsu fiz-zmien stipulat, is-socjeta' attrici sofriet danni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuti ghandhom ukoll fil-pussess taghhom "cable converter" li ma rritornawx lura meta giet itterminata l-kirja.

Illi l-konvenuti Adrian u Matthew ahwa Pace huma garanti solidali ghall-obbligi li assumiet is-socjeta' konvenuta u dan skond it-termini tal-istess ftehim.

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenuti, solidalment bejniethom, jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf hames mija u sittax-il lira maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm1,516.47) in kwantu ghal (a) Lm456.25 arretrati ta’ kera ghax-xahar ta’ April 2001, (b) Lm158 hlas ghall-konsum ta’ ilma u dawl matul il-perjodu ta’ sullokazzjoni, (c) Lm595.25 hlas ta’ permessi u licenzji. u (d) Lm306.97 hlas ghall-bejgh ta’ stokk. Qed titlob ukoll li jigi dikjarat, fir-rigward tal-bejgh ta’ mobbli, li s-socjeta’ konvenuta hija moruza fil-hlas ta’ aktar minn tlett skadenzi u ghalhekk tilfet il-beneficju tat-terminu u li l-konvenuti solidalment bejniethom jiu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u tnax-il lira maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm6412.81) bilanc minn somma akbar u pagabbli bhala prezz ghall-bejgh ta’ mobbli u li l-konvenuti jigu dikjarati li huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici minhabba n-nuqqas taghhom li jhallsu fit-terminu pattwit, li jigu likidati dawn id-danni u li l-konvenuti jigu ordnati jhallsu lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata. Inoltre s-socjeta’ attrici qed titlob li l-konventi jigu kkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritornaw lis-socjeta’ attrici l-“cable converter” li kien jinsab fil-fond numru 2, Triq Santu Wistin, il-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan, u fin-nuqqas jigu kkundannati jhallsu lis-socejta’ attrici l-valur tal-istess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tal-1 ta’ Frar 2001, 2 ta’ April 2001, 9 ta’ Mejju 2001, 9 ta’ Gunju 2001, 26 ta’ Gunju 2001 u ittra ufficjali tat-23 ta’ Mejju 2001 u tal-mandati li gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni u bl-imghax fir-rigward tal-ewwel talba minn meta sar dovut il-hlas u fir-rigward tat-tielet talba mill-1 ta’ Mejju 2001.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-guurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Matthew Pace fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti

huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Matthew Pace debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Adrian Pace u s-socjeta' Illusions Limited fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ammonti pretizi mis-socjeta' attrici fl-ewwel talba, huma eccessivi, stante illi l-ammonti msemmija gew komputati mis-socjeta' attrici b'mod arbitrarju u minghajr qatt ma gie prezentat l-ebda dokument lill-eccipjenti, ghall-verifika tal-ammonti relattivi pretizi.

2. Illi ghalhekk, f'kull kaz jinhtieg illi tingieb il-prova tal-ammonti pretizi fl-ewwel talba attrici, u senjatament tal-valur tal-istokk allegatament mibjugh mill-istess socjeta' attrici lis-socjeta' eccipjenti Illusions Limited ai termini tal-ftehim de quo.

3. Illi fil-fatt, l-ammont pretiz in konnessjoni mal-istokk allegatament mibjugh lis-socjeta' eccipjenti Illusions Limited, mhux dovut lis-socjeta' attrici, skond ma jirrizulta mid-dokument hawn anness, ezebit u mmarkat bhala Dok MP1 stante illi dan l-ammont ma giex dikjarat fil-kuntratt datat 23 ta' Awwissu 2000 u inoltre, kull ammont li seta' talvolta kien dovut, gie pacut ma' somma dovuta mis-socjeta' attrici lil terzi kredituri, u debitament imhallas lil tali terzi, mis-socjeta' eccipjenti Illusions Limited, bil-kundizzjoni ta' tpacija mal-ammont dovut ghall-istokk, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi t-tieni talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda l-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, stante illi mhux minnu illi s-socjeta' eccipjenti Illusions Limited hija moruza fil-hlas ta' aktar minn tliet (3) skadenzi tal-pagamenti dovuti in konnessjoni mal-bejgh tal-mobbli ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi jsegwi illi s-socjeta’ eccipjenti Illusions Limited ma tilfitx il-beneficcju tat-terminu kif allegat mis-socjeta’ attrici.

6. Illi jsegwi wkoll illi s-socjeta’ attrici ma soffriet ebda danni rizultanti mill-allegat nuqqas da parti tas-socjeta’ eccipjenti Illusions Limited illi thallas l-ammonti talvolta dovuti fit-termini preskritti mill-ftehim de quo.

7. Illi ghaldaqstant ma hemm ebda danni x’jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti.

8. Illi ghalhekk it-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) talbiet ukoll ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

9. Illi s-sitt (6) talba wkoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici, stante illi ma jirrizultax illi l-allegat cable converter gie ndikat fl-inventarju datat 25 ta’ Settembru 2000, li kopja tieghu hi hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok MP1, u illi jelenka l-mobbli kollha illi gew akkwistati mis-socjeta’ eccipjenti minghand is-socjeta’ attrici ai termini tal-ftehim de quo.

10. Illi mhux minnu illi l-allegat cable converter jinstab fil-pussess tas-socjeta’ eccipjenti, kif allegat mis-socjeta’ attrici.

11. Illi minghajr pregudizzju, imkien ma jirrizulta illi l-imsemmi apparat allegat kellu jigi ritornat lis-socjeta’ attrici mat-terminazzjoni tal-kirja tal-fond de quo, u fil-fatt, ma saret ebda referenza jew indikazzjoni ghal dan l-allegat apparat fl-inventarju datat 25 ta’ Settembru 2000 (li jifforma parti integrali mill-ftehim de quo u li kopja tieghu hi hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok IL1) liema inventarju jelenka l-mobbli kollha illi gew akkwistati mis-socjeta’ eccipjenti minghand is-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Adrian Pace u s-socjeta' Illusions Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tghhom.

Rat l-affidavits ta' Pierre Faure', tal-Avukat Dr. Anthony Ellul u ta' Carmelo Zammit presentati mis-socjeta' attrici.

Semghat lill-imsemmi xhud Pierre Faure' in kontro-esami.

Rat l-affidavits tal-konvenut Matthew Pace u tal-konvenut l-iehor Adrian Pace.

Semghat lill-konvenut Matthew Pace in kontro-esami.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota responsiva ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

Permezz ta' kuntratt ta' sullokazzjoni datat 23 ta' Awissu 2000 (immarkat bħala Dok. PF1, a fol 6) is-soċjetà attrici tat b'titolu ta' sullokazzjoni lis-soċjetà konvenuta, il-fond numru 2, Triq Santu Wistin, il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, b'sehh mill-1 ta' Ottubru 2000.

L-imsemmi ftehim huwa maqsum f'żewġ taqsimiet, fejn l-ewwel parti tirrigwarda, kif diġa intqal, is-sullokazzjoni tal-imsemmi fond, filwaqt li t-tieni parti tirrigwarda l-bejgħ ta' varji oggetti mobbli esistenti fl-istess fond ghall-prezz komplessiv ta' Lm15,000. L-imsemmija sullokazzjoni giet fi tmiemha fl-1 ta' Mejju 2001 wara li s-soċjetà konvenuta tat avviz f'dan is-sens lis-soċjetà attriċi skond it-termini tal-imsemmi kuntratt (Dok. PF2, fol 12).

**Ic-citazzjoni**

Is-soċjetà attriċi tippretendi li s-soċjetà konvenuta hi debitrici taghha ghar-rigward tal-hlas ta’ arretrati ta’ kera ghax-xahar ta’ April 2001, għall-konsum ta’ dawl u ilma, għall-hlas ta’ permessi u relattivi ghall-fond sullokat, għal stokk li baqa’ fil-ħanut, għall-bilanċ fuq catering equipment u makkinarju, għal danni u għall-cable converter li skond l-istess s-soċjetà attriċi għadu fil-pussess tas-soċjetà konvenuta.

**Eccezzjonijiet**

Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tissottometti li l-ammonti pretizi mis-soċjetà attrici huma eccessivi u fi kwalunkwe kaz dak kollu li kien dovut gie debitament imhallas. Inoltre s-socjeta’ konvenuta tikkontendi li hi mhux moruza fil-hlas ta’ aktar minn tliet (3) skadenzi tal-pagamenti dovuti in konnessjoni mal-bejgh tal-imsemmija mobbli. Is-soċjetà konvenuta tgħid ukoll illi s-soċjetà attrici ma soffriet ebda danni u illi l-cable converter ma kienx inkluz fl-inventarju u mhux minnu li l-imsemmi oggett jinsab fil-pussess taghha. Inoltre ma jirrizultax li l-imsemmi converter kellu jigi ritornat lis-socjeta’ attrici mat-terminazzjoni tal-kirja.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Fir-rigward tat-talba attrici rigwardanti l-hlas tal-arretrati ta’ kera jirrizuta li l-ahhar rata li thallset kienet tirreferi ghall-kera tax-xaghar ta’ Marzu 2001(vide prospett ippreparat mis-soċjetà attriċi u immarkat bħala dok PF4 a fol 14 kif ukoll dok immarkat AE2 a fol 76). Kwindi jirriżulta li l-hlas li fadal li jsir jirreferi ghall-kera ta’ April. In effett l-arretrati ta’ kera li s-socjeta’ attrici tippretendi li ghad iridu jithallsu jammontaw ghal  Lm456.25 u cioe’ €1049.77, apuntu l-kera ta’ xaghar wiehed cioe’ dik ta’ April 2001. Kwindi din it-talba tirrizulta ppruvata.

Ghar-rigward tat-talbiet attriċi li jirreferu għall-ħlas ta’ konsum ta’ dawl u ilma, jirrizulta li meta s-soċjetà

konvenuta kriet il-post in kwestjoni, cioe’ fid-data tal-imsemmi kuntratt, ittieħdu readings tad-dawl (46856) u tal-ilma (1941241). Sussegwentament, fil-ftehim a fol 56 meta ġew irritornati ċ-ċwievet lis-soċjetà attriċi, ittieħdu readings oħra datati 28 ta’ April 2001 (reading tal-ilma ta’ 1245-5167 u reading tal-elettriku 4889/8). Il-konvenut Matthew Pace xehed illi huwa u ħuħ qatt ma ħallsu kontijiet tad-dawl u l-ilma (seduta tas-17 ta’ Ġunju 2004, paġna fil-proċess mhux innumerata wara paġna 138, li tiġi fol 4 fit-traskrizzjoni tal-istess xhieda).

Kwindi jirrizuta sufficjentement li l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-soċjetà attriċi għall-konsum tad-dawl u l-ilma minn Ottubru 2000 sa’ April 2001 u dan ovvjament skond ir-readings irreġistrati bejn il-partijiet fil-bidu tas-sullokazzjoni sa tmiem l-istess lokazzjoni. F’dan ir-rigward is-soccjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm158 ghall-kontijiet tad-dawl u ilma. Ma jidhirx li dan l-ammont gie kontestat. Inoltre jidher li l-ammont mitlub hu wiehed ragjonevoli tenut kont tal-perjodu in kwestjoni. Kwindi t-talbiet relattivi jimmeritaw ukoll li jigu akkolti.

Fir-rigward tat-talba tas-soċjetà attriċi għall-hlas ta’ permessi u licenzji fuq il-fond ghandu jinghad li s-socjeta’ attrici tidher li qed tippretendi hlas fl-ammont ta’ Lm595.25. Mid-dokument PF5, fol.56, cioe’ meta giet terminata s-sullokazjoni jirrizulta li l-partijiet ftehemu li s-soċjetà konvenuta kellha thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ Lm484 ghall-licenzji varji konnessi mal-fond mikri. Jirrizulta li, in effett is-socjeta’ attrici hallset lis-sid tal-fond is-somma ta’ Lm445 għall-permessi u licenzji relattivi għas-sena 2000 (dokument PF11 a fol.71). F’dan ir-rigward il-konvenut Matthew Pace qal, fl-affidavit tieghu, illi l-ftehim mas-socjeta attrici kien li qabel ma jsir il-ħlas ghar-rigward tal-permessi u licenzji, l-konvenuti kellhom jintwerew l-irċevuti relattivi biex ikun hemm ċertezza li dawn l-istess permessi jkunu effettivament thallsu. In effett il-konvenuti jikkonfermaw li huma qatt ma hallsu ghall-permessi in kwestjoni stante li huma qatt ma ntwerew ricevuti f’dan ir-rigward. Inoltre l-konvenut

Matthew Pace xehed illi s-socjeta’ konvenuta ma tistax tkun tenuta responsabbli tħallas l-ammont kollu tal-permessi u liċenzji għas-sena 2000 stante illi s-sullokazzjoni bdiet f’Ottubru. In effett jirizulta min-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici li l-istess socjeta’ attrici irriduciet il-pretensjonijiet taghha, fir-rigward tal-permessi u licenzji, ghas-somma ta’ Lm272.25 u cioe’kwantu ghal Lm111.25 għall-aħħar tliet xhur tas-sena 2000 u Lm161 għall-ewwel erba’ xhur tas-sena 2001. Jirrizulta li skond il-ftehim relattiv is-socjeta’ konvenuta kellha thallas ghall-permessi u ghall-liċenzji fuq il-fond, u peress li jirrizulta ukoll li s-soċjetà konvenuta ma hallsitx ghall-istess permessi u licenzji, konsegwentement l-imsemmi ammont ta’ Lm272.25 ekwivalenti ghal €634.34 huwa dovut mill-konvenuti lis-soċjetà attriċi.

Is-socjeta’ attriċi tippretendi li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tagħha għal xi stokk li kien baqa’ fil-ħanut li kienu jammontaw ghas-somma ta’ tliet mija u sitt liri maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm306.97). Jirrizulta li s-socjta’ attrici u dik konvenuta kienu qabblu li s-socjeta’ konvenuta kellha thallas ammont iehor dovut lis-socjeta’ attrici u cioe’ dak dovut ghal varji oggetti li kienu fil-fond sullokat u liema oggetti kienu gew trasferiti lis-socjeta’ konvenuta billi l-istess socjeta’ konvenuta thallas xi kredituri tas-socjeta’ attrici. Irrizulta li l-ammonti dovuti mis-socjea’ attrici lil terzi kredituri kien aktar mill-ammont illi s-soċjetà konvenuta kellha tagħti lis-soċjetà attriċi. Ghalhekk il-partijiet ftehmu illi dan l-ammont extra kellu jkopri l-ammont dovut għall-imsemmi stokk. F’dan ir-rigward is-soċjetà attriċi tikkontendi li l-ammont ghall-istokk ghadu dovut stante li s-soċjetà konvenuta ma ħallsitx lill-kredituri kollha taghha. In sostenn ta’ din il-pretensjoni taghha s-socjeta’ attrici ppresentat kopja tal-avviż ta’ kawza quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Żgħar, liema kawza saret kontra tagħha minn socjeta’ terza (fol.95).

Ghar-rigward ta’ din l-ahhar imsemmija kawza s-soċjetà konvenuta tikkontendi illi hi mhux responsabbli thallas l-ammont mitlub fl-istess kawza stante li hi kienet

responsabbli għall-ħlas tad-debiti tas-socjeta’ attrici rigwardanti n-negozju gestit mill-istess socjeta’ attrici fil-ħanut in kwistjoni u mhux għal debiti ohra.

Id-Dokument PF3, li hu ffirmat kemm mis-socjeta’ attrici kif ukoll mis-socjeta’ konvenuta u li jgib id-data tal-25 ta’ Ottubru 2000 (fol.13), sar xhur wara li gie iffirmat l-imsemmi kuntratt tat-23 ta’ Awissu 2000. F’dan l-ahhar dokument il-partijiet ikkonfermaw li s-socjeta’ konvenuta kellha thallas lill-kredituri tas-socjeta attrici ghal debiti magmula in konnessjoni man-negozju gestit mis-socjeta’ attrici fil-hanut sullokat, sal-ammont ta’ Lm2500. Inoltre fl-istess dokument gew elenkati l-imsemmija kredituri u l-ammont relattiv li kien dovut lil kull wiehed mill-istess kredituri. Kif gia gie rilevat irrizulta li fil-fatt l-ammont li s-socjeta’ konvenuta kellha thallas lill-kredituri tas-socjeta’ attrici kien jissupera l-imsemmi ammont ta’ Lm2500. Ghalhekk il-partijiet ftehemu li d-differenza ta’ Lm306.97 kellha tkopri l-hlas ta’ stokk li thalla fil-hanut in kwestjoni mis-socjeta’ attrici. Id-dokument in kwestjoni ma jghid xejn dwar jekk l-imsemmi ammont ta’ Lm2500 thallax jew le mis-socjeta’ attrici.

Hu ovvju li l-imsemmija kopja tal-avviż ta’ kawża istitwita quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar weħedha ma tikkostitwix prova sufficjenti li l-ammont li assumiet li tħallas is-soċjetà konvenuta lill-kredituri tas-soċjetà attriċi, fil-fatt ma thallax. Lanqas ma jista jgi eskluz li l-ammont li kien qed jintalab fl-imsemmija kawza quddiem l-imsemmi Tribunal seta’ kien jirrelata għal xi debitu li s-soċjetà attriċi setghet ikkontrattat in konnessjoni man-negozju iehor gestit mis-socjeta’ attrici u mhux ma dak gestit fil-fond in kwestjoni. F’dawn ic-cirkostanzi kolha s-socjeta’ attrici ma rnexxilix tipprova sufficjentement li s-socjeta’ konvenuta ma hallsitx lill-kredituri kollha taghha. Konsegwentement it-talba rigwardanti l-istokk ghandha tigi michuda.

Dwar it-talba ghall-hlas tal-bilanċ tal-prezz tal-“catering equipment” u makkinarju iehor ghandu jigi rilevat li fit-tieni parti tal-ftehim in kwestjoni s-soċjetà attrici bieghet lis-soċjetà konvenuta catering equipment u makkinarju li kien jinsab fil-fond versu l-prezz ta’ hmistax-il elf lira maltin

(Lm15,000). F'dan ir-rigward is-socjeta' attrici esibit prospett (Dok.PF10 – fol.70) fejn hemm elenkati l-oggetti kollha mobbli li s-socjeta' attrici bieghat lis-soċjetà konvenuta. Il-partijiet ftehemu ukoll kif l-imsemmi ammont kellu jithallas u ċioe' kellha tithallas is-somma ta' Lm500 fuq il-kuntratt, Lm2500 kellhom jithallsu billi s-socjeta' konvenuta thallas kredituri tas-socjeta' attrici liema kredituri kienu jirrelataw ghan-negozju gestit mis-socjeta' attrici fil-fond in kwestjoni u dan sal-imsemmi ammont ta' Lm2500, ir-rimanenti Lm3500 kellhom jithallsu sal-1 ta' Ottubru 2000 u l-bilanc li jifdal kellu jithallas b'pagament rateali ta' Lm354.17 fix-xahar.

Is-soċjetà attriċi tallega illi minn dan l-ammont ghad irid jithallas is-somma ta' sitt elef erba' mija u tnax-il lira maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm6412.81). Direttur tas-socjeta' attrici (fol.100) pero' xehed (fil-kontro-esami) li "għar-rigward tal-mobbli kien għad fadal arretrati ċioe kien għad fadal li jsiru tliet pagamenti ammontanti komplessivament għas-somma ta' Lm 1062.81." Fil-ftehim li sar bejn il-partijiet meta gew ritornati c-cwievet tal-fond in kwestjoni lis-socjeta' attrici (fol.56), ma hemm imsemmi ebda ammont li seta' kien ghadu dovut kwantu ghall-pagamenti relattivi ghax-xiri tal-oggetti mobbli in kwestjoni da parti tas-socjeta' konvenuta. Il-kwestjoni hi, f'dan l-istadju jekk kienx hemmx xi ammont dovuti in konnessjoni ma dan ix-xiri minn wara April 2001 sa' meta giet intavolata din il-kawza u cioe' sa Lulju 2001. Jirrizulta li wara April 2001 saru pagamenti ghar-rigward tal-kera dovuta ghax-xhur ta' Mejju u Ġunju. Dawn il-pagamenti saru lill-konsulent legali tas-socjeta' attrici in rappresentanza tal-istess socjeta' attrici. Dan gie ukoll konfermat mill-konsulent legali tas-socjeta' atrici. Gew ukoll esibiti kopji tac-cekkijiet relattivi (fol.77). Mir-ricevuti prodotti jirrizulta li thallas ukoll il-pagament rateali dovut

għax-xahar ta’ Lulju (fol.78). Kwindi ma jirriżultax illi hemm xi ammont pendenti in konnessjoni ma dan il-pagamenti.

In oltre, fir-rigward tal-allegazzjoni tas-soċjetà attriċi illi s-soċjetà konvenuta hija moruza fil-hlas ta’ aktar minn tliet skadenzi, issir riferenza għall-klawsola numru 5 fil-ftehim PF5 liema klawsola giet ikkancellata. Din il-klawsola titkellem b’mod speċifiku dwar nuqqas ta’ ħlas għal tliet darbiet konsekuttivi. Dan, flimkien mal-fatt illi jirriżulta ppruvat il-ħlas wara April 2001 sal-mument meta nfetħet il-kawża, juri illi ma kienx minnu illi s-soċjetà konvenuta kienet lura bi tliet skadenzi fil-pagamenti għall-ħlas tal-apparat. Għaldaqstant din il-parti tat-talba tas-soċjetà attriċi ukoll għandha tiġi miċħuda.

Is-soċjetà attriċi tallega ukoll illi minhabba n-nuqqas tal-konvenuti li jhallsu entro z-zmien stipulat, hi sofriet danni. F’dan ir-rigward jirrizulta li s-sid tal-fond in kwestjoni beda proceduri fil-qorti kontra s-socjeta’ attrici (ċitazzjoni numru 687/2001). Jirriżulta ukoll li fl-imsemmija proceduri ntlaħaq ftehim bejn is-sid u s-socjeta’ attrici. Diretur tas-socjeta’ attrici pero’ jgħid illi l-istess socjeta’ attrici kellha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-Qorti li ammontaw għal Lm272. Minn dan l-ammont ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm75 hekk kif jirrizulta mid-dokument PF8 (fol.67). L-istess direttur tas-socjeta’ attrici jikkonferma ukoll li hemm kont pendenti ta’ Lm150 bhala spejjeż tal-avukat fir-rigward tal-kwistjoni li kien hemm mas-sid, inoltre s-socjeta’ attrici tghid li hallset l-ispejjez konnessi mat-thassir ta’ mandat ta’ sekwestru, li sar kontra taghha. Dawn huma d-danni li qed tirreklama s-socjeta’ attrici.

Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess jista jinghad li jirrizulta sufficjentement li s-soċjetà konvenuta ma ħallsitx il-kera dovuta għax-xahar ta’ April, filwaqt li kienet hallset dak kollu dovut ghax-xhur l-oħra precedenti. Inoltre s-sid tal-fond in kwestjoni kien beda l-proceduri gia’ indikati kontra s-socjeta’ attrici għall-kera li kienet dovuta lilu għal tliet xhur u ċioe’ minn Frar sa’ April 2001. Kwindi għalkemm is-soċjetà konvenuta kienet lura b’pagamenti tal-kera għal xahar wieħed, effettivament l-imsemmi sid fl-

istess kawża minnu istituta kontra soċjetà attriċi jallega illi din kienet lura bi tliet pagamenti.

Ma jirrizultax li l-ħlas tal-kera lis-sid mis-socjeta' attrici kien legalment jiddependi fuq il-ħlas li kellu jsir mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi. Kwindi is-soċjetà konvenuta ma tistax tinżamm responsabbli ghal nuqqas ta' hlas ta' kera da parti tas-socjeta' attrici lis-sid. Hu minnu li si tratta tal-hlas ta' kera fir-rigward tal-istess fond pero' r-relazzjoni tas-sid kienet u tibqa' biss mas-soċjetà attriċi u l-kera li kienet dovuta mis-soċjetà attriċi lis-sid hi distinta minn dik li kienet dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici. Kwindi is-soċjetà konvenuta m'ghandhiex tigi ritenuta responsabbli għal danni allegati mis-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà attriċi inoltre tippretendi li s-socjeta' konvenuta ghandha fil-pussess taghha "cable converter" li ma giex ritornat lura meta giet itterminata l-kirja u ghalhekk is-socjeta' attrici qed titlob li jigi ordnat lis-socjeta konvenuta tirritorna l-imsemmi oggett u fin-nuqqas li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-soċjetà attrici l-valur tal-istess. Il-cable converter in kwestjoni ma ġiex indikat fl-inventarju datat 25 ta' Settembru 2000 (dok MP1, fol 44), u ma jirriżultax illi dan l-apparat kellu jiġi ritornat lis-soċjetà attriċi. Għal din ir-raġuni l-imsemmija talba relattiva ukoll għandha tiġi miċħuda.

Jirrizulta li l-konvenuti Adrian u Matthew ahwa Pace personalment huma garanti solidali mas-socjeta' konvenuta ghar-rigward tal-obbligi assunti mill-istess socjeta' konvenuta fil-knfront tas-socjeta' attrici u dan skond it-termini tal-ftehim in kwestjoni.

Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess it-talba attrici ghandha tigi akkolta pero' limitatament ghas-somma ta' tmien mija u sitta u tmenin liri maltin u hamsin centezmu (Lm886.50) ekwivalenti ghal euro elfejn u erba u sittin u tmienja u disghin centezmu (€2064.98) ghal arretrati ta' kera ghax-xahar ta' April 2001, ghall-konsum ta' ilma u dawl matul il-perjodu ta' sullokazzjoni u ghall-hlas tal-permessi u licenzji. It-talbiet l-ohra kollha tas-socjeta' attrici ghandhom jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici pero' limitatament ghas-somma ta' tmien mija u sitta u tmenin liri maltin u hamsin centezmu (Lm886.50) ekwivalenti ghal euro elfejn u erba u sittin u tmienja u disghin centezmu (€2064.98) u konsegwentement tikkundanna s-socjeta kovenuta u l-konvenuti ahwa Pace in solidum bejnithom ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tmien mija u sitta u tmenin liri maltin u hamsin centezmu (Lm886.50) ekwivalenti ghal euro elfejn u erba u sittin u tmienja u disghin centezmu (€2064.98) bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament.

Tichad it-talbiet l-ohra kollha tas-socjeta' attrici.

L-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal zewg partijiet minn tlieta (2/3) mis-soċjetà attriċi u kwantu ghar-rimanenti terz (1/3) mill-konvenuti kollha in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------